MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 952/2005

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**GAETANO PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gaetano Pace, ta' 51 sena, imwieled Santa Venera, nhar is-6 ta' Awissu, 1954, bin il-mejjet George u Dolores nee' Fiteni, residenti gewwa l-fond Blokk J, Flat 3, Binja Santa Venera, Santa Venera, jew Alley 4, 9, Main Street, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 603 754 (M);

Akkuza talli nhar is-16 ta' Ottubu, 2005, matul il-lejl ikkommetta serq ta' cipep minn gewwa d-Dragonara Casino, li jinsab gewwa San Giljan, ghad-dannu tal-

kumpanija Casino Baroiere, St Julian's, u Christina Grech, minn San Giljan, liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-valur, u bil-persuna, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi qiegheda ssib lill-imsemmi Gaetano Pace hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------